# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002

**Numru 35**

**Avviz numru 819/01DM**

**Lada Motors Limited**

**vs**

**Emmanuel Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u hamsa u sebghin lira maltin (Lm1,575), import ta' kambjali minnu iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali gew annessi u mmarkati minn dokument 1 sa dokument 25, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas;

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjalijiet originali prezentati fil-15 ta' Jannar, 2002 issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas il-atturi s-somma ta' elf hames mija hamsa u sebghin lira maltin (Lm1575) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Magistrat

**A. Farrugia**
**Dep.Reg.**
va